# "Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi"
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Diċembru 2025

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Verb etern li ġejt mis-sema,
dawl li ħriġt mingħand Missierek,
int li għoġbok issir bniedem,
reġġa' d-dinja lejn is-sewwa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Imla 'l qlubna bid-dawl tiegħek,
kebbes fina nar imħabbtek,
ħalli nilqgħu twissijietek
u mill-biża' nkunu ħielsa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int għad tiġi bħala Mħallef,
tagħmel ħaqq mill-għemil tagħna,
lil min telqek titlaq lilu
u lill-ġusti trodd is-saltna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

F'dak il-Jum tħallix li mmorru
f'telfien ieħor għal ħtijietna,
iżd'għal dejjem żommna miegħek
f'xirka mal-henjin fis-sema.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier u lill-Ispirtu,
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Żmien l-Avvent: Żmien ta' taħriġ fis-sabar u t-tama, żmien ta' tħejjija u stennija għall-adventus, għall-miġja tal-Mistenni mill-ġnus kollha. Żmien li, qabel ma hu tħejjija biex niċċelebraw il-Milied, huwa żmien li jpoġġina fil-qagħda t-tajba quddiem Alla billi jerġa' jqabbadna t-triq jekk tlifnieha xi ftit proprju u jfakkarna wkoll fit-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żmien u l-istennija bieżla u ħawtiela għal-laqgħa wiċċ imb wiċċ ma' dak li ħa wiċċ tal-laħam, bħal tagħna—sabiħ u jiddi għax ħieles minn kull tebgħa ta' dnub, imma li spiċċa bla sura u mingħajr

għaxqa biex tħares lejh proprju biex din il-laqgħa mill-ġdid ma' Alla saret possibbli mill-ġdid.
Jekk il-liturġija u l-ispiritwalità tar-Randan tixrob mill-għajn tal-esperjenza tal-poplu Lhudi tal-Eżodu—tal-jasar u l-ħruġ mill-Eġittu, tal-erbgħin sena fid-deżert—bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Għid permezz ta' tixrid demm dak li kien tassew il-Ħaruf ta' Alla li waħdu biss seta' jneħħi d-dnubiet tad-dinja, b'mod simili, l-aktar permezz tal-profeziji meħudha mill-Ktieb ta' Isaija, permezz tat-talb u l-innijiet, nistgħu ngħidu li l-Knisja fl-Avvent bħal donnha tgħaddina mill-esperjenza tal-eżilju f'Babilonja li seħħ fis-sitt seklu qabel Kristu. Esperjenza mmarkata mit-twissijiet ta' Alla permezz tal-ħabbara tiegħu biex iduru lura mit-toroq ħżiena sabiex jeħilsu mill-konsegwenzi politiċi; it-theżżiża li l-eżilju ġab miegħu; u t-tama tal-ħelsien meta l-bidliet tal-poter fil-Lvant bdew juru li Alla tassew kien se jwettaq il-wegħda tiegħu li, wara sebgħin sena, il-poplu kien se jerġa' lura f'artu u jibni mill-ġdid il-belt ta' Ġerusalemm u t-tempju.
F'dan iż-żmien liturġiku partikolari, l-eżilju jsir xbieha tal-qagħda tal-bniedem imbiegħed għal kollox minn Alla minħabba d-dnub, u li jeħtieġ Salvatur u Feddej biex jerġa' jwasslu lura mit-triq fid-deżert għall-art tiegħu, għall-post fejn ikun f'postu u f'daru miegħu nnifsu u ma' Alla. Il-profeziji u l-wegħdiet tar-ritorn mill-eżilju jsiru eku tal-istennija għall-Messija li bdiet timmarka lill-poplu tal-patt il-qadim fl-aħħar sekli qabel il-miġja ta' Kristu ... stennija li ta' kull sena nidħlu fiha mill-ġdid, l-ewwel billi nagħmlu l-kontijiet mal-ħajja u mal-ġrajja konkreta tagħna, mhux bi qtigħ il-qalb jew biża' iżda b'tama u fiduċja, ħalli b'hekk nerġgħu ngħixu mill-ġdid l-istennija għall-Ħellies ta' Iżrael, daqs li kieku Ġesù għadu ma twelidtx u qegħdin nistennew bil-ħerqa li jasal il-lejl tal-Milied biex nithennew biż-żjara tiegħu mill-għoli bħax-xemx tiela'!

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (40, 1-11)
"Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi," jgħid Alla tagħkom. Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha li ntemm il-jasar tagħha, tħallset ħżunitha, ħadet mingħand il-Mulej darbtejn għal dnubietha kollha.
Leħen jgħajjat: "Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri. Jintradam kull wied, u jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet; kull art imħattba titwitta kull art imħarbta ssir maqgħad. U tfiġġ il-glorja tal-Mulej, u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa, għax fomm il-Mulej tkellem."
U leħen qal: "Għajjat." U jien weġibt: 'X'ngħajjat?" Għid: "Kull bniedem ħaxix, u sbuħitu bħal ward ir-raba'; jinxef il-ħaxix, jidbiel il-ward, meta minn fuqhom jgħaddi nifs il-Mulej. - Bħal ħaxix il-poplu - Il-ħaxix jinxef, u l-ward jidbiel, iżda l-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem."
Itla' fuq il-muntanja għolja, int li ġġib il-bxara t-tajba lil Sijon; għolli leħnek bil-qawwa kollha, int li tagħti l-aħbar it-tajba lil Ġerusalemm; għajjat, la tibżax. Għid lill-ibliet ta' Ġuda: "Hawn hu Alla tagħkom!" Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-

qawwa, u jaħkem bil-qawwa ta' driegħu. Hawn hu bi ħlasu miegħu, u r-rebħa tiegħu quddiemu. Bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu; bi driegħu jiġmagħha, u l-ħrief fi ħdanu jerfagħhom; u n-nagħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Irroddu ħajr lil Alla*

"Il-ħaxix jinxef, u l-ward jidbiel, iżda l-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem." X'faraġ, Mulej Ġesù, insibu meta nagħrfu li, anke meta nħossuna ninxfu bħall-ħaxix u nidbielu bħall-ward, il-wegħdiet tiegħek ma jinxfux u ma jidbilux; meta niftakru li l-fedeltà tiegħek tibqa' tħaddar u twarrad, ukoll meta d-dinja ta' madwarna tidher mudlama, ħarxa u bla ħajja ġdida bħad-deżert. Imma, bħalma hemm il-ħajja—u ħajja ta' xitel u bhejjem mill-iktar varjata—f'kull deżert fuq wiċċ id-dinja maħluqa mill-Missier, hekk ukoll nistgħu nittamaw li, jekk induru lejk, l-ebda mewt li nġarrbu mhi mewt għal dejjem; li inti l-għajn innifisha tal-ħajja. U, bħalma l-Ispirtu ttajjar fuq wiċċ l-ilma tal-kaos ewlieni biex fih tpoġġa ordni ta' ġmiel liema bħalu, hekk ukoll l-Ispirtu jnebbaħna u jurina toroq li jwasslu għall-ħelsien u l-ħajja, hu ta' liema forma hu l-eżilju u d-deżert li fih inħossuna nterrqu fil-vojt.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mill-banda l-oħra, Mulej Ġesù, il-faraġ li tagħtina inti mhuwiex faraġ irħis; mhuwiex forma ta' aljenazzjoni; mhumiex ħarba mid-deżert li nħossu madwarna. Il-faraġ tiegħek jakkumpanjana biex nimxu tul dawn it-toroq li jwasslu għall-milja tal-ħajja proprju billi jgħadduna mill-mewt għalina nfusna biex ngħixu għalik li mitt u qomt għalina (2 Kor 5, 14). It-triq li mill-eżilju, mill-ħajja superfiċjali, mgħixa fuq il-qoxra, donnha maskra, u bla għeruq fondi, twassalna f'darna, miegħek fi ħdan il-Missier (ara Ġw 1, 18) mhijiex nieqsa minn provi, problemi, tqanżiħ, tiġrib u periklu. Madankollu m'għandniex għalfejn nibżgħu għax inti timxi magħna. Inti nnifsek hu t-Triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem u li permezz tagħha naslu għand il-Missier: "Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi" (Ġw 14, 6). U, tassew, inkunu nistgħu ngħidu li ksibna b'don mingħandek il-virtù tat-Tama u qalbna verament hi mimlija bil-faraġ tiegħek meta, qalb dan kollu, la naħarbu u lanqas niddispraw imma qalbna xorta tkun mistrieħa minkejja l-maltemp kollu ta' madwarha.
U, frott din l-esperjenza intima tal-imħabba personali tiegħek għal kull wieħed u waħda minna, imbagħad aħna wkoll inkunu nistgħu nwieġbu għall-kmand urġenti tiegħek—hekk li hu mtenni darbtejn: "Farrġu, farrġu"—biex naqsmu dan il-faraġ ma' kull min hu mitluf, jiġġerra 'l hemm u 'l hawn mingħajr skop fil-ħajja, ma' kull min hu bla tama u maħkum mill-biża', ma' kull min hu 'l bogħod minnek.

**Innu Ewkaristiku**

> Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu, joktor fina l-faraġ. In-niket tagħna jservi għall-faraġ u s-salvazzjoni tagħkom; u jekk nitfarrġu, dan iservi għall-faraġ tagħkom, li jaħdem fikom biex ikollkom il-qawwa tissaportu s-sofferenzi li nissaportu aħna wkoll. (2 Kor 1, 3-6)

Ejjew ningħaqdu aħna wkoll ma' Missierna San Pawl f'dan it-tifħir u l-fiduċja fil-faraġ li tagħtina l-fidi u fil-qawwa li tagħtina biex naqsmu dan il-faraġ ma' ħutna, u rressqu t-talb tagħna lill-Iben ta' Alla ta' kull faraġ billi flimkien, wara kull talba, intennu: ***farraġna bil-miġja tiegħek.***

- Bin Alla li ġejt iżżur id-dinja mill-għoli bħax-xemx tiela', seddaq il-ħidma tal-Knisja, hija u tħejji l-poplu tiegħek u ssejjaħ lill-bnedmin kollha għal laqgħa iktar intima miegħek. U lilna, Mulej: ***farraġna bil-miġja tiegħek.***
- Qassis il-Kbir u ta' Dejjem, ir-Ras tal-ġisem mistiku tiegħek, li hu l-Knisja, agħmel li l-laqgħat tal-Papa Ljun XIV mal-mexxejja tal-Knejjes tal-Lvant fit-Turkija jġibu 'l quddiem l-għaqda fost dawk kollha li jistqarru li inti natura waħda mal-Missier, skont l-istqarrija tal-Kredu ta' Niċea-Kostantinopli. U lilna, Mulej: ***farraġna bil-miġja tiegħek.***
- Sultan tas-Sliem, miss il-qlub tal-mexxejja u l-popli fil-Lvant Nofsani sabiex il-kliem u x-xhieda tal-Papa Ljun XIV, waqt il-vjaġġ appostoliku tiegħu fil-Libanu ftit jiem ilu, jixprunaw impenn ġenwin għal paċi dejjiema mibnija fuq il-ġustizzja u l-maħfra. U lilna, Mulej: ***farraġna bil-miġja tiegħek.***
- O Triq, Verità, u Ħajja, għażel minn fost il-poplu tiegħek żgħażagħ qalbiena li b'kuraġġ jilqgħu s-sejħa li jkunu ħabbara tal-Kelma setgħana tiegħek u hekk jiftħu toroq li mid-deżert tal-iżolament u d-dnub iwasslu l-erwieħ għandek. U lilna, Mulej: ***farraġna bil-miġja tiegħek.***
- Xemx tal-Ġustizzja li se tiġi żżurna bħax-xemx fi sbiħ il-jum wara s-sahra tal-lejl tal-istorja, dawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet tal-qtigħ il-qalb u qegħdin fid-dell tal-mewt, u ħa jżernaq il-jum bla tmiem għal ħutna l-mejtin kollha. U lilna, Mulej: ***farraġna bil-miġja tiegħek.***

Qanqal, nitolbuk, Mulej, is-setgħa tiegħek, u ejja; biex, bil-ħarsien tiegħek, jistħoqqilna ninħelsu mit-tiġrib li ninsabu fih bi dnubietna u, bil-ħelsien tiegħek, insalvaw. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali